# QORTI ĊIVILI

# PRIM'AWLA

**ONOR. IMĦALLEF**

**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-31 TA' OTTUBRU 2019**

**Kawża Numru: 19**

**Rik. Ġur. 40/2014 RGM**

**Frances Balzan (I.D. 279963M)**

**vs.**

**Emmanuel Bugeja (I.D. 552558M)**

**Andrea Farrugia (I.D. 39087M)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat tar-rikorrenti Frances Balzan** ppreżentat fis-17 ta' Jannar, 2014 li permezz tiegħu ippremetiet u talbet is-segwenti:

1. Illi nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Dicembru 2012, ir-rikorrenti kienet halliet il-vettura taghha bin-numru ta' registrazzjoni NIC 449 tat-tip Toyota Vitz ghall-habta tas-siegha (13.00) ta' waranofsinhar gewwa parkegg li jinsab fi triq ix-Xatt, Tas-Sliema;

2. Illi l-konvenuti kienu qeghdin gewwa dan il-parkegg waqt dan il-hin jaghmluha ta' *parkers*;

3. Illi meta r-rikorrenti dahlet gewwa il-parkegg imsemmi, resaq wiehed mill-konvenuti li kien qieghed hemm bhala '*parker*' fejn hu talabha thalli l-vettura fil-parkegg bic-cavetta gewwa l-vettura, u dan sabiex ikun jista' jipparkja l-istess vettura tar-rikorrenti gewwa 'parking space' wara li jkun zvojta wiehed;

4. Illi wara li r-rikorrenti halliet il-vettura gewwa l-parkegg izda qabel ma telqet minn fuq il-post, hijs hallset tlett (3) euros lill-persuna li kien talabha thalli l-vettura hemm u dan peress li kien qieghed hemm bhala *parker*;

5. Illi ghall-habta tas-sitta (18.00) ta' filghaxija, r-rikorrenti rritornat gewwa l-parkegg hawn fuq imsemmi izda l-vettura taghha ma kienitx tinsab hemmhekk;

6. Illi meta r-rikorrenti staqsiet lill-*parker* li huwa wiehed mill-konvenuti dwar fejn kienet tinsab il-vettura tar-rikorrenti, dawn qalulha li ma kienux jafu fejn qeghda il-vettura u meta gew mitluba mir-rikorrenti biex jaghtuha c-cavetta tal-vettura, dawn qalulha li ma kienux jafu fejn qeghda lanqas;

7. Illi minhabba negligenza jew ingann min-naha tal-konvenuti, r-rikorrenti soffriet danni li jaqbzu l-ammont ta' tmint (8) elef ewro, u dan peress li kienet insterqet

il-vettura tagħha hawn fuq indikata u anke xi oggetti u dokumenti oħran li kienu jinsabu fil-vettura meta din giet misruqa.

Għaldaqstant, l-attriċi qegħda titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-konvenuti kkawża danni lill-attrici Frances Balzan u li huma unikament tort tal-istess konvenuti;

2. Tillikwida d-danni fil-konfront ta' l-attrici Frances Balzan.

3. Tordna lill-konvenuti jħallsu d-danni hekk likwidati.

Rat ir-**Risposta ta' Emmanuel Bugeja u Andrea Farrugia** ppreżentata fil-11 ta' Frar 2014 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi l-esponenti jirrespingu bil-qawwa kollha t-talba attrici illi d-danni jigu dikjarati unikament ikkawżati b'tort uniku tal-istess esponenti.

2. Illi jsegwi illi assolutament ma hemm ebda danni x'jigu likwidati fil-konfront tagħhom.

3. Illi jsegwi illi ma għandhomx jħallsu ebda danni.

4. Mingħajr pregudizzju għall-premess l-imsemmija valur dikjarat tal-vettura huwa certament skorrett u qarrieqi tant illi l-imsemmija vettura m'għandhiex il-valur tas-suq dikjarat u kwindi dan jikkonsisti f'attentat malsan għall-arrikkiment indebitu.

5. Illi ulterjorment l-attrici pparkjat il-vettura u kienet hija *ben konsapevoli* illi l-imsemmi parkegg kien mimli u kienet hija li ħalliet il-vettura fl-imsemmi parkegg bi ċwievet fiha.

6. Hija ukoll *ben konsapevoli* illi l-intimati jaqdu l-funzjoni ta' parkers sabiex jorganizzaw l-ipparkjar fil-parkegg u fl-istess parkegg hemm u kien hemm anke fid-data tal-allegat incident sinjal hawn pprezentat Dok EB1 li kull min jipparkja fil-parkegg jipparkja u jassumi kull riskju.

Salv eccezzjonijiet u sottomissjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu mill-partijiet;

Rat illi fil-5 t'Ottubru 2017, il-Qorti, fuq talba tal-partijiet, ħatret lil Natalino Agius bħala espert fil-karozzi sabiex jistabbilixxi l-valur li kellha l-vettura tal-marka Toyota Vitz fl-24 ta' Diċembru 2012;

Rat ir-rapport tal-espert fil-karozzi Natalino Agius preżentat fl-4 ta' Ottubru 2018; li permezz tiegħu ikkonkluda li fi-fehma tiegħu vettura tat-tip bħal dik li insterqet kellha valur fis-sena 2012 ta' ħamest elef ewro (€5,000).[1]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrenti ppreżentat fit-12 t'April 2019[2] kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-18 ta' Ġunju 2019[3];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat

---

[1] Paġna 152 tal-proċess
[2] Paġna 159 tal-proċess.
[3] Paġna 166 tal-proċess.

**Provi**.

L-**attriċi Frances Balzan** xhedet permezz ta' affidavit.[4] Spjegat li fl-24 ta' Diċembru 2012 kienet ipparkjat il-vettura tagħha għall-ħabta tas-1.00pm ġewwa parkeġġ li jinsab fi Triq ix-Xatt tas-Sliema. Xhedet illi ipparkjat il-karrozza tagħha, sakritha u "..tajt iċ-ċavetta f'idejn Adrian Farrugia li tagħni l-impressjoni li kien parker. Nikkonferma li hdejh kien hemm Emmanuel Bugeja li tani l-impressjoni li kien parker ukoll għaliex gheni billi indika fejn ghandi nipparkja. Il-parkegg kien mimli b'vetturi ohra li kienu ipparkjati hekk. Adrian Farrugia qalli biex nipparkja fin-nofs u ntih ic-cavetta u meta jkun hemm spazju jipparkja il-vettura sew huwa stess f'post adegwat. Ghal dan is-servizz jiena tajthom tlett ewro (€3) u ta' dan ma tawni l-ebda ircevuta." Kompliet tispjega illi għal ħabta tal-5.00pm irritornat fil-parkeġġ u l-vettura ma sabitha imkien. "Jiena mort fuq l-imsemmijin parking attendants u qaluli li ma jafux fejn kienet il-karrozza u qaluli li probabilment serquli l-karrozza kif gieli ghamlu f'dak il-parkegg partikolari. Emmanuel Bugeja qal biex ma ngibux pulizija fuq il-post u ghandi nghid lil ta' l-Insurance li pparkjajt fit-triq sabiex niehu il-flus mill-insurance." Spjegat li l-għada marret għand l-insurance tagħha u qalulha li ma kienitx intitolata għal riżarċiment mingħand l-insurance peress li kienet tat iċ-ċavetta tal-karrozza lill-parkers. Tgħid li marret l-għassa tal-Pulizija u għamlet rapport li kienu serqulha l-karrozza. Xhedet illi fil-vettura kellha żewġ nuċċalijiet, wieħed tal-vista u ieħor tax-xemx li jiswew €200; camera tar-ritratti Olympus li tiswa €200; u rigali b'kemm jiswew €300.

L-attriċi xhedet *viva voce* waqt l-udjenza tal-4 ta' Mejju 2015 fejn iddikjarat li l-vettura de quo kienet xtratha erba' snin qabel insterqet għas-somma ta' sebat elef u sitt mitt ewro (€7,600). Hija ezebit dokument bil-figura tas-somma imsemmija li l-attriċi qalet li kienet ottjenitha mingħand id-*dealer* li skond l-attriċi kien jismu Paul li fiż-żmien tal-akkwist tgħid li ma kienx ta riċevuta u ħalsitu fi flus kontanti. Qalet illi wara li xtratha kienet installat diversi *extras* fuq il-vettura, *alloy wheels, stereo* u *speaker.*

In **kontro-eżami** l-attriċi xhedet[5] dwar kif ġabet id-dokument li skond hi hija l-prova ta' kemm kienet xtrat il-vettura de quo.

---

[4] Paġna 18 tal-proċess
[5] Paġna 131A tal-proċess

**Carmel Bezzina,** ħu l-attriċi, xhed[6] illi lejliet il-Milied huwa kien il-Birgu u l-attriċi kienet ċemplitlu u qaltlu sabiex imur tas-Sliema fejn kienet hi għaliex kienet ħalliet iċ-ċavetta tal-karrozza mal-parket fejn ipparkjat il-karrozza u serqulha l-karrozza. Mar fuq il-post fejn kienet oħtu fejn ukoll kien hemm iż-żewġ konvenuti li għaraf fl-awla. Ftit wara waslu l-Pulizija. Huwa xhed illi kien ġibed l-attenzjoni tal-Pulizija illi kien hemm ċwievet ta' karrozzi oħra fuq banketta u staqsa għaliex iċ-ċavetta tal-karrozza ta' oħtu ma kenitx maċ-ċwievet l-oħra. Jgħid illi kif wasal flimkien ma' ħuħ sab liż-żewġ parkers jgħidu lill-oħthom sabiex tgħid li l-karrozza tagħha kienet ħallietha barra mill-*parking area* għaliex inkella mill-assigurazzjoni ma kienet ser tieħu xejn.

**Dorreen Raggio,** xhedet[7] li hija ħabiba tal-attriċi u fil-jum tal-akkadut kienet iltaqgħet mal-attriċi ġewwa tas-Sliema u wara li lestew xi qadi flimkien marru lejn il-parkeġġ fejn l-attriċi kienet qaltilha li ħalliet il-vettura tagħha. Ix-xhud spjegat illi meta l-attriċi staqsit lill-parker fejn hi l-karrozza tagħha l-ewwel qalilha li kienet "qegħda hemm isfel". Marru fejn indikalhom u ma sabuwhiex. Reġgħu marru ħdejn il-parker u informawh li ma kienux sabuwha fejn indikalhom hu, u qalilhom "morru fittxu hemm fuq" . Huma hekk għamlu, marru fejn indikalhom u lanqas hemm ma sabuwha. Regħhu marru ħdejn il-parker u informawh li lanqas dik in-naħa ma sabuwha. Tgħid li l-parker imbagħad qalilhom "ohorgu naqra barra fittxuha barra", pero' lanqas barra l-parkeġġ ma sabuwha. Ix-xhud tgħid li l-parker imbagħad qalilha biex tissuggerixxi lill-attriċi tgħid li kienet ipparkjat il-vettura tagħha marra l-parkegg għaliex inkella ma tkunx koperta mill-assigurazzjoni tal-vettura. Ix-xhud tgħid li l-parker qalilha biex tikkonvinċi lill-attriċi sabiex tagħmel kif kien qed jissuġġerixxi hu. Wara li l-karrozza ma nstabitx marret mal-attriċi sabiex sar ir-rapport lill-Pulizija.

**Emanuel Balzan**, prodott mill-attriċi, xhed[8] illi hu ħu l-attriċi. Spjega li waqt li kien għand ommu irċeva telefonata mingħand oħtu l-attriċi u qaltlu li kienet insterqitilha l-karrozza tagħha minn tas-Sliema. Xhed illu huwa mar fil-parkeġġ fejn kienet oħtu, kien hemm il-parker u meta x-xhud staqsih x'ġara mill-karrozza ta' oħtu dan irrispondih li ma kenitx hemm, "...qalli 'għidu li l-karrozza nsterqet minn barra l-parking ghax inkella ma

[6] Paġna 16A tal-proċess
[7] Paġna 22A tal-proċess
[8] Paġna 22C tal-proċess

tiehdu xejn mill-insurance.' Ghidtlu "sewwa, mela jien se nikkaverja lilek biex naghmel de fraud lill-insurance" u giet il-Pulizija imbaghad." Wara marru l-Għassa tal-Pulizija sabiex jagħmlu statement.

Xhed **l-Ispettur Jonathan Ransley**[9] li ppreżenta kopja tar-rapport li ġie mmarkat Dok JR1[10]. Huwa xhed illi ma kien jaf xejn fuq il-każ u li fiż-żmien rilevanti huwa ma kienx stazzjonat tas-Sliema.

Xhed **Stephen Cachia, amministratur fi ħdan id-Direttorat tat-Trasport,** li jifforma parti minn Transport Malta.[11] Spjega li l-vettura Toyota Vitz ta' kulur silver kienet reġistrata fuq isem l-attriċi fit-8 ta' Jannar 2009. Dwar iż-żewġ konvenuti xhed illi dawn it-tnejn għandhom liċenzja ta' "parking attendant" ġewwa x-xatt ta' Tigne ħdejn Pjazza Sant Andrea, Sliema Ferries

Xhed **Vincent Micallef Pule', Senior Manager fl-Awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta**[12]**.** Fil-kariga tiegħu inkarigat fost l-oħrajn mil-liċenzjar u l-allokazzjoni tal-*car park attendants*. Spjega li ż-żewġ konvenuti għandhom liċenzja maħruġa minn Transport Malta sabiex jagħmluwha ta' car park attendants fis-sit tas-Sliema Ferries li huwa sit ta' parkeġġ pubbliku. F'dan is-sit qal li hemm sitt persuni liċenzjati sabiex jagħmluwha ta' car park attendants. Spjega li l-Awtorita' m'għandiex informazzjoni dwar in-numru ta' vetturi li dak is-sit jesa'. Qal li hemm regolamenti li jirregolaw l-obbligi ta' car park attendants. Xhed illi r-regolamenti ma jsemmu xejn dwar jekk car park attendant jistax iżomm iċ-ċwievet tal-persuni li jipparkjaw il-vettura tagħhom fis-sit minn fejn ikun qed jopera l-car park attendant. F'parkeġġ pubbliku bħal dak in kwistjoni ma hemmx obbligu ta' hlas lil car park attendant. Min irid jagħti xi ħaga tal-flus lil car park attendant jagħmel hekk fuq bażi gratuwitha iżda l-car park attendant ma jistax jitlob ħlas. L-Awtorita' twaħħal tabelli fejn tispjega li dak huwa sit ta' parkeġġ bla ħlas.

Xhed l-**Ispettur Darren Buhagiar** li ppreżenta kopja ta' sqarrijiet rilaxxjati mill-konvenuti lill-Pulizija kif ukoll rapport intern tal-Pulizija dwar is-serq tal-vettura tal-

[9] Paġna 40F tal-proċess
[10] Paġna 36 tal-proċess
[11] Paġna 40J tal-proċess
[12] Paġna 47 tal-proċess

attriċi[13]. Fi żmien l-akkadut ix-xhud kien stazzjonat id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali. L-Ispettur Buhagiar spjega li skond ir-records tal-Pulziija l-attriċi kienet irrapportat is-serq tal-vettura tagħha fl-24 ta' Diċembru 2012 u fl-14 ta' Jannar 2013 kien inkarigat mill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga din is-serqa u fost l-investigazzjoni minnu magħmula huwa bgħat għall-attriċi fis-17 ta' Jannar 2013. Spjegatlu illi meta marret sabiex tipparkja fil-parkeġġ pubbliku in kwistjoni "...qaltli li kif dahlet bil-karrozza gol-carpark kien hemm xi hadd qallha pparkja l-karozza u c-cwievet tihom lili, halliihom ghandi. Fil-fatt hekk ghamlet u indikatli wkoll l-affarijiet li kien hemm fil-karrozza." Xhed illi l-attriċi qaltlu li kienet ħalliet iċ-ċwievet tal-vettura mal-konvenut Andrea Farrugia u qaltlu wkoll li l-konvenut Emmanuel Bugeja kien qalilha sabiex tagħmel rapport li l-vettura ma kienitx ipparkjata fil-parkeġġ pubbliku iżda barra l-parkeġġ. Spjegatlu illi hija m'għamlitx rapport falz kif issuġġerielha l-konvenut Bugeja. Ikkonfermatlu li fil-fatt l-assigurazzjoni ma kopritiex għat-telf tal-vettura tagħha.

L-Ispettur Buhagiar kompla jispjega illi minn dak il-parkeġġ kienu insterqu numru ta' vetturi fuq medda ta' ġranet. Huwa kien ħareġ mandat ta' arrest kontra ż-żewġ konvenuti u fl-investigazzjoni kien bgħat għal żewġ vittmi oħra: "Inhareg mandat ta' arrest u fid-disgha ta' Frar ta' l-2013 jiena, is-Surgent Stephen Pace u l-Kuntistabbli Luca Grasso morna hemmhekk fil-carpark, dhalna bil-karrozza u kif dhalna qalulna l-istess haga, 'pparkjaw il-karozza u hallulna c-cavetta maghna.' Ahna pparkjajna ovvjament imbaghad ipprezentajtlu l-mandat ta' arrest u ġew arrestati. Kellimt lis-Sur Emmanuel Bugeja li qed naghraf hawnhekk ukoll........li kienu qed jaghmlu, kienu qed jitghabbew b'hafna karozzi gol-car park, fil-fatt kont wissejthom fuqha wkoll u tilfu l-kontroll tista' tghid tal-carpark ghax dawn ic-cwievet kienu jhalluhom x'imkien u xi hadd kien jaghmillhom l-ghassa milli jidher u hadilhom ic-cavetta minn hemmhekk." Spjega wkoll li mill-investigazzjonijiet li laħaq għamel qabel ġie trasferit ma rrizultalux illi l-konvenuti kienu kompliċi ma' terzi fis-serq tal-karozzi minn dak il-car park. Xhed ukoll li kien hemm vittma oħra ta' serq tal-vettura tagħha li kien bagħat għaliha u ammettiet li kienet għamlet rapport falz li l-vettura insterqitilha minn barra l-parkeġġ mentri fil-fatt kienet insterqet mill-parkegg. Dik il-persuna kienet eventwalment tresqet il-Qorti u akkużata b'rapport falz u li ffrodat lill-assigurazzjoni tal-vettura tagħha.

[13] Paġna 63 sa paġna 76 tal-proċess

Xhed **l-Ispettur Saviour Baldacchino, Spettur inkarigat mill-Criminal Investigations Department**.[14] Ikkonferma li meta l-attriċi irrapportat mal-Pulizija li kienet insterqitilha l-vettura mill-carpark fil-Ferries tas-Sliema kienet irraportat ukoll li l-konvenut Emmanuel Bugeja kien qalilha biex ma tgħidx illi pparkjat il-vettura tagħha gewwa dan il-carpark minħabba insurance għax inkella kien hemm ic-cans li ma kienet tieħu xejn mill-assigurazzjoni. Spjega li mill-investigazzjonijiet tiegħu irrizultalu li "...apparentement kienet norma li jhallu l-karozza fin-nofs u jhallu c-cavetta jew go fiha, jew inkella jtuha lill-parker biex jekk ikun hemm post vakanti, dan jipparkegghilhom. Fil-fatt hawnhekk nizzilt ghax halliet ic-cavetta fil-karozza ghax kienet qed taghmel obstruction. Tostakola sewwa." Spjega li fi spezzjoni li kien għamel ta' dan il-parkeġġ kien osserva diversi karrozzi biċ-ċwievet fl-ignition kif ukol kien hemm kaxxa fuq banketta li kienet mimlija bi ċwievet ta' karozzi. Huwa kien qal lill-konvenuti li dak li qed jagħmlu kien kollu illegali għaliex il-post kien parkeġġ pubbliku u ma setgħux jimblukkaw il-passaġġ.

Il-**konvenut Andrea Farruga** xhed bil-mezz ta' affidavit.[15] Spjega li kien ilu parker bil-liċenzja għal dawk l-aħħar tmin snin. Jaħdem fil-ġurnata li jkun qed jaħdem il-konvenut l-ieħor Emanuel Bugeja, u dan peress li hemm parkers oħrajn li jaħdmu fl-istess parkeġġ fi ġranet oħra minn tagħhom. Xhed li lejliet il-Milied meta insterqet il-vettura tal-attriċi kellhom ħafna karozzi fil-parkeġġ. Xhed hekk: "Il-car park kien mimli sa fuq u meta giet Frances Balzan bil-karozza jiena cert li hija halliet ic-cavetta gewwa fiha. Lilna zgur li ma taghtna ebda cwievet. .....Ahna niehdu hsieb norganizzaw kif jipparkjaw il-vetturi sabiex narawlhom biex jidhlu u johorgu, u li kulhadd jipparkja sewwa." Jgħid li mill-ewwel kien qal lill-Pulizija li l-attriċi kienet ħalliet iċ-ċavetta fil-vettura tagħha u mhux tagħtilhom kif qed issostni l-attriċi.

Xhed li l-karrozza tal-attriċi "ma tantx kienet ikkundizzjonata. Ipprezenta stima ta' elfejn u disa' mitt ewro (€2,900) għall-vettura bħal ta' l-attriċi li ġiet rilaxxjata minn Regina Auto Dealer dwar vettura Toyota Vitz tas-sena 1999. Jgħid illi huma kellhom tabella fil-parkeġġ li tgħid illi min jipparkja hekk jagħmel dan a riskju tiegħu. Ċaħad li kienu qalu lill-attriċi sabiex tgħid li kienet ipparkjat barra l-arja tal-parkeġġ. Spjega li fl-10 ta' Frar

[14] Paġna 113 tal-proċess
[15] Paġna 122 tal-proċess

2013 il-Pulizija kienu arrestaw lilu u lill-konvenut l-ieħor. "Jiena insistejt mal-pulizija li hija hallitilna l-karozza hemmhekk bic-cwievet gewwa fiha u kienet taf li konna mimlijin karozzi u ma setghetx thalliha taghlaq vetturi ohra." Jemfasizza li fil-jum tal-akkadut kien hemm tabella fil-parkeġġ tgħid li kull min jipparkja "jipparkja bir-riskju għalih." Jikkonkludi li Transport Malta qatt ma sabu ebda oġġezzjoni dwar dik it-tabella.

Il-**Konvenut Emanuel Bugeja** xhed bil-mezz ta' affidavit.[16] Xhed li kien ilu 30 sena jahdem bhala parker bil-liċenzja maħruga minn Transport Malta. Jikkonferma li hekk jaħdem mal-konvenut l-ieħor gewwa l-parkeġġ li jinsab fil-Ferries tas-Sliema. Xhed li l-attriċi ma kenitx waħda li tmur tipparkja hemm regolari għaliex li kieku kienu jagħrfuwha. "Hija gie dahlet meta l-car park kien mimli u qaltilna li halliet il-karozza bic-cwievet gewwa fiha.". Xhed li meta irritornat l-attriċi marret fuqhom u qaltilhom li ma tistax issib il-vettura tagħha. Spjega li dak il-ħin kellhom "madwar mitt karozza.....Jiena cert li halliet il-karozza bi cwievet gewwa fiha u hallietha hekk ghaliex għalqet il-haddiehor. Mhux veru kif issa qed tipprova tghid li taghtna cwievet." Jiċħad dak li xhedet l-attriċi u xhieda oħra minnha imressqa illi l-konvenuti kienu qalulha sabiex ma tgħidx li l-vettura insterqet meta kienet fil-parkeġġ in kwistjoni. "Ahna meta jaghtuna c-cwievet nzommuhom hdejna fil-kamra tal-injam fejn nkunu izda din dahlet u tefatha fin-naha t'isfel u qaltilna li halliet ic-cwievet hemmhekk."

Dwar il-valur tal-vettura tal-attriċi xhed illi huwa mar għand Montebello taz-Zejtun jitlob stima ta' Toyota Vitz tas-sena 1999. Skond l-istima li ingħata l-valur tal-vettura tal-attriċi fil-jum tas-serqa kien ta' €3,000.

Ikkonsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi**.

Kif rajna il-mertu ta' din il-kawża jirrigwarda azzjoni għad-danni li l-attriċi istitwiet kontra żewġ car park attendants fejn kienet ħalliet il-vettura tagħha. Filwaqt li hemm qbil bejn il-partijiet dwar il-fatt li meta ipparkjat l-attriċi ma kienx hemm parking space disponibbli fejn setgħat tipparkja l-vettura u li fuq direzzjoni lilha mill-konvenuti

[16] Paġna 129 tal-proċess

ipparkjat b'tali mod li kienet qed timblokka vettura oħra meta jiġi biex jitilqu; ma hemmx qbil bejn il-partijiet dwar jekk l-attriċi ħallitx iċ-ċavetta fl-ignition tal-karozza jew inkella sakritx il-karrozza u għaddiet iċ-ċwievet lill-konvenuti qabel illargat minn fuq il-post. L-attriċi ssostni illi qabel telqet mill-parkeġġ hija ħalliet iċ-ċwievet mal-konvenuti meta ħalsithom tlett ewro; filwaqt li l-konvenuti jaċċettaw li irċevew mingħand l-attriċi tlett ewro iżda jsostnu li ċ-ċwievet l-attriċi ħalliethom fl-ignition tal-vettura tagħha u cioe' ħalliet il-vettura miftuħa.

Ikkunsidrat;

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Minħabba l-konflitt li hemm bejn il-verżjoni mogħtija mill-attriċi u dik mogħtija mill-konvenuti rigward fejn tħalliet iċ-ċavetta tal-karrozza qabel ma l-attriċi allontanat ruħha mill-parkġġ, jeħtieġ li qabel xejn issir referenza għal-liġi u l-ġurisprudenza li tirregola l-kompitu tal-Qorti meta rinfaċċjata b'verzjonijiet tal-partijiet opposti u/jew konfliġġenti għal xulxin. In tema legali dwar l-apprezzament tal-provi fejn tirriżulta konflittwalita' fil-verżjonijiet tal-partijiet issir referenza għas-sentenza mogħtija fl-24 ta' Novembru 1966 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili presjeduta mill-Imħallef Maurice Caruana Curran fl-ismijiet **Carmelo Farrugia vs. Rokku Farrugia**:-

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-2 ta' Ġunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe* vs. Victor Sammut** (App. Ċiv. Nru 1590/2000PS) ikkunsidrat illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi."

Din il-Qorti tqis illi l-verżjoni li tingħata *a tempo vergine* ġeneralment hija l-aktar waħda kredibbli għaliex ħafna drabi tingħata f'mument fejn ma jkunx hemm ħin sabiex dak li jkun joqgħod jippjana u jevalwa x'effett ser ikollu jekk jgħid il-verita'. Għalhekk insibu ħafna drabi li l-Qrati, fl-evalwazzjoni tal-veraċita o meno ta' verżjoni mogħtija, jagħtu importanza dak li jkun intqal 'a tempo vergine'.

Issir referenza għas-sentenza "**Michele Lanteri vs Alan Spiteri**" mogħtija mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Jannar 2016 dwar il-valur probatorju ta' dak li jintqal 'a tempo vergine":-

> "L-appellant jirritjeni li m'hemm xejn kontradittorju bejn dak li nghad minnu lill-pulizija a tempo vergine u dak li xehed waqt il-proceduri odjerni, li kienet semplicement amplifikazzjoni ta' dak li kellu jghid. Ir-raguni l-ghala il-Qrati taghna dejjem taw piz ghal dikjarazzjonijiet li jsiru a tempo vergine huwa proprju sabiex f'kaz ta' verzjonijiet kunfliggenti, il-Qrati jisiltu mill-verzjoni tal-partijet dawk il-provi li jidhru l-aktar verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz. Inoltre kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti meta ezaminat id-dikjarazzjonijiet taz-zewg partijiet involuti fl-incident moghtija a tempo vergine, l-importanza tal-istqarrija moghtija ezatt wara l-incident qeghda fil-fatt li tinghata spontanjament u minghajr ma l-partijiet ikollhom ic-cans jahsbu jew jintebhu b'certi fatti jew jitkellmu ma' terzi u kwindi jvarjaw il-verzjoni."

Ikkunsidrat;

Fil-kawża odjerna l-evidenza prevalenti turi illi fil-parkeġġ fejn joperaw iż-żewġ konvenuti bħala car park attendants liċenzjati, vetturi li ma kienx ikun hemm post fejn jipparkeġġjaw f'parking bay kienu, fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuti, jigu parkeġġjati b'mod li jimblukkaw vetturi oħra b'dan illi iċ-ċavetta ta' dik il-vettura hekk parkeġjata

ħażin jew titħalla fl-ignition tal-vettura jew inkella l-vettura tissakkar u ċ-ċavetta tingħata lill-konvenuti li kienu jpogguwha f'landa fuq banketta ma' ċwievet oħra ta' vetturi oħra similment parkeġġjati.

Il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi dwar liema mill-verżjonijiet tal-partijiet, dwar fejn tħalliet iċ-ċavetta, hija l-aktar attendibbli.

L-attriċi għamlet rapport lill-Pulizija dwar in-nuqqas/serq tal-vettura dakinar stess li sabet il-karrozza nieqsa. Dak li rrapportat lill-Pulizija dakinar tas-serqa tal-vettura jirrizulta mir-rapport tal-Pulizija redatt dakinhar ta' lejliet il-Milied:-

> *"Today 24/12/2012 Mrs Balzan reported at Sliema Police Station where she stated that at about 1300Hrs she went into the car park opposite ZARA with her veichle reg no place NIC449 where the parker ....asked for her car key and when there was a parking space he will park the mentioned vehicle.*(sottolinear tal-Qorti).
>
> *Hence same added that at about 1800hrs she returned to her vehicle she did not find her vehicle and asked the parker for the car key and he did not have it, as he could not find it........Same also added that with the car key she paid him 3 euros without receipt and also added that there were more veichles with the keys inside unattended."*

Fl-istess rapport hemm imniżżel x'qal lill-Pulizija il-konvenut Bugeja dakinhar tal-akkadut:

> *".....he stated that he had the car keys together with other car keys on a chair in the car park and Mr Bugeja could not find them, he stated that someone unknown had taken them, he also admitted accepting 3 euro from Mrs Balzan but he denied asking for them......"* (sottolinear tal-Qorti).

Fix-xhieda tagħha permezz ta' affidavit[17] maħluf fit-8 ta' Ottubru 2014, l-attriċi xhedet illi:

[17] Paġna 18 tal-proċess

*"Meta ipparkjat (recte: ipparkjajt) il-karozza, jiena sakkart il-vettura u tajt ic-cavetta f'idejn Adrian Farrugia li taghni l-impressjoni li kien parket. Nikkonferma li hdejh kien hemm Emmanuel Bugeja li tani l-impressjoni li kien parker ukoll ghaliex gheni billi indika fejn ghandi nipparkja......Adrian Farrugia qalli biex nipparkja fin-nofs u ntih ic-cavetta u meta jkun hemm spazju jipparkja il-vettura sew huwa stess f'post aktar adegwat. Ghal dan is-servizz jiena tajthom tlett ewro (€3) u ta' dan ma tawni l-ebda ricevuta."* (sottolinear tal-Qorti)

Min-naħa tagħhom il-konvenuti sew fir-risposta ġuramentata tagħhom kif ukoll waqt it-testimonjanza tagħhom insistew li l-attriċi ħalliet iċ-ċavetta tal-karozza fil-vettura.

Il-ħlas ta' tlett ewro mill-attriċi lill-konvenuti huwa rilevanti. Jirriżulta illi meta ma kienx ikun hemm spazju fejn tipparkja b'mod regolari fuq *parking bay* fil-parkeġġ, u tmur vettura sabiex tipparkja, il-konvenuti stess kienu jgħidu lis-sewwieq illi sabiex jaċċettaw il-vettura kellha titħalla ċ-ċavetta. Għalkemm il-konvenuti xhedu illi huma ma jitolbux flus dik ix-xhieda tagħhom m'għandiex mill-verita'. Il-Qorti tifhem illi l-unika mod li kien hemm sabiex tipparkja fil-parkeġġ li ma kellux disponibbli parking bays vojta u allura b'mod li timblokka vetturi oħra fl-istess parkeġġ kien illi tħallas lill-konvenuti kemm jitolbuk u tħalli ċ-ċavetta tal-vettura jew fl-ignition tal-vettura jew f'idejhom.

Dan hu kkonfermat ukoll mix-xhieda mogħtija mill-Ispettur tas-CID li kien qed jinvestiga s-serq ta' karrozzi minn dan il-parkeġġ fejn xhed illi meta hu u kollegi tiegħu marru f'dan il-parkeġġ sabiex jarrestaw lill-konvenuti, wieħed mill-konvenuti qalilhom sabiex jipparkjaw, isakru l-karozza u jħallu ċ-ċavetta għandu.

Ħu r-rikorrenti, Carmel Balzan fix-xhieda tiegħu semma li x'ħin mar hu fuq il-post tal-akkadut huwa innota li kien hemm iċ-ċwievet ta' karozzi oħra fuq banketta.[18] Dan ġie wkoll osservat mill-ispettur Saviour Baldacchino (l-Ispettur tal-Għassa li ħa r-rapport dak inhar tas-serqa) meta mar personalment fil-parkeġġ: "*at a later stage, the undersigned also attended at the Parking area and immediately noticed that some vehicles still had the car keys inside the ignition and moreover, noticed a container full of different car*

[18] Xhieda mogħtija fit-8 t'Ottubru 2014, paġna 16B tal-proċess.

*keys which was on a stool*"[19]. A *tempo vergine* il-konvenut Emanuel Bugeja jgħid li ċ-ċwievet tal-vettura ta' Frances Bugeja ħallihom ma' ċwievet oħra fuq is-siġġu fil-parkeġġ.[20]

Fuq il-preponderanza tal-provi miġjuba il-Qorti hi tal-fehma illi l-aktar verżjoni attendibbli hi illi meta pparkjat il-vettura l-attriċi sakkret il-vettura u tat iċ-ċavetta tal-istess lill-konvenuti flimkien mal-ħlas ta' tlett ewro kif ġiet mitluba tagħmel mill-istess konvenuti.

Ikkunsidrat

**Tabella Mhux Uffiċjali dwar Nuqqas ta' Responsabbilita' f'Każ ta' Serq.**

Il-konvenuti jeċċepixxu illi mhumiex responsabbli għall-akkadut anke għaliex fil-jum tal-akkadut kien hemm tabella li kienu installaw huma stess li kienet taqra' kif ġej: "*Parking users are to note that we are not liable for any theft or damage to vehicles or loss of valuables left in vehicles while making use of the car park*"[21]. Fl-affidavit tiegħu Andrea Farrugia jgħid li "Fil-car parks kollha ta' Malta hemm tabelli dwar li min jipparkja jipparkja bir-riskju ghalih. Transport Malta qatt ma sabu ebda oggezzjoni dwar din it-tabella"[22]. Fin-nota finali tagħhom il-konvenuti ibidlu kemmxejn il-verżjoni u jgħidu li "fl-imsemmi Car Park Pubbliku hemm tabella installata mill-Awtorità tat-Trasport fejn hemm carament miktub li ma hemmx ebda responsabilita u li kull min jipparkja jassumi r-responsabilita u r-riskju tieghu"[23]. Fejn l-ewwel għalhekk qiegħed jingħad li m'hemmx oġġezzjoni minn Transport Malta għat-tabella, din evolviet għal waħda fejn kienet l-Awtorità msemmija stess li waħħlet din it-tabella. Mill-qari tax-xhieda ta' Vincent Micallef Pule, Senior Manager fl-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, Direttorat tat-

[19] Paġna 111 tal-proċess.
[20] Rapport tal-Pulizija redatt fl-24 ta' Diċembru 2012.
[21] Paġna 12 tal-proċess.
[22] Paġna 123 tal-proċess.
[23] Paġna 167 tal-proċess.

Trasport tal-Art[24] jirriżulta mod ieħor. Meta ġie mistoqsi dwar jekk hemmx xi tabelli li jitwaħħlu fil-parkeġġi dwar ir-riskju huwa irrisponda li m'hemmx:

Xhud: Le.
Dr C Mifsud: M'hemmx.
Il-Qorti: Hemm x'imkien, f'xi car park f'Malta?
Xhud: fil-car parks kollha kull ma hemm tabella li jindika li huwa public car park u li l-ħlas mhux obbligatorju.
Il-Qorti: M'hemm xejn fuq riskji imkien.
Xhud: Le.[25]

Din il-Qorti għalhekk ma tqisx li t-tabella li qed jagħmlu referenza għaliha l-konvenuti fir-risposta ġuramentata tagħhom ġiet installata minnhom u mhux mill-Awtorita'.

*In ogni caso*, nonostante li kien hemm imwaħħal tabella ta' dik ix-xorta fil-parkeġġ ta' tas-Sliema Ferries, il-konvenuti kienu jaċċettaw u għalhekk kienu qegħdin jassumu responsabbiltà ta' vetturi miftuħa biċ-ċavetta fl-*ignition* jew vetturi msakkra iżda ċ-ċavetta tkun fil-pussess personali tagħhom. Dan kien servizz li l-konvenuti kienu lesti li joffru lis-sewwieqa li jagħmlu użu mill-parkeġġ fejn kienu stazzjonati huma. It-tabella mwaħħla mill-konvenuti ma tinnewtralizżax l-obbligi naxxenti mil-liġi dwar id-Depożitu kif ser naraw aktar 'il quddiem.

**<u>L-Istitut tad-Depożitu</u>.**

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha l-attriċi tirreferi għall- artikoli 1030 sa 1033 tal-Kodiċi Ċivili in sostenn tat-talbiet tagħha.  Il-Qorti ma taqbilx.

[24] Fix-xhieda minnu mogħtija fl-1 ta' Lulju 2015.
[25] Paġna 49 tal-proċess.

Fil-fehma tal-Qorti l-azzjoni tax-xorta bħal dik attriċi għandha l-għeruq tagħha fid-disposizzjonijiet tal-liġi regolanti **d-Depożitu** kif regolat bit-**Titolu XIX tal-Kodiċi Ċivili** kif ukoll fir-regolament segwenti:

**Regolament 65 (11) tar-Regolament dwar Vetturi bil-Mutur (L.S. 65.11):**

> *Car park attendant* għandu juża l-kura u d-diliġenza kollha sabiex jiżgura d-dħul, l-parkeġġ u l-ħruġ ordinat tal-vetturi f'kull parkeġġ tal-karozzi li għalih responsabbli u li ma jippermettix serq jew ħsara lil dawk l-vetturi. Huwa għandu jniżżel bil-miktub n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kull vettura involuta f'kolliżjoni jew inċident ieħor f'dak il-parkeġġ tal-karozzi u jirraporta l-partikolaritajiet lill-Pulizija.[26] (sottolinear tal-Qorti).

Stabbilit aktar qabel illi l-attriċi ipparkjat il-vettura fil-parkeġġ in kwistjoni fil-post fejn ġie lilha indikat mill-konvenuti u fuq struzzjonijiet tal-istess konvenuti għaddiet iċ-ċavetta tal-istess f'idejn il-konvenuti, jeħtieġ jiġi stabbilit jekk b'dak l-att skattatx relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet u f'każ affermattiv, xi kwalita' ta' relazzjoni kontrattwali.

Fil-fehma tal-Qorti, una volta l-vettura tal-attriċi bi ftehim mal-konvenuti tħalliet fil-parkeġġ taħt is-sorveljanza tal-istess konvenuti, bħala *car park attendant*s koperti bil-liċenzji relativi, u biċ-ċwievet tal-vettura fil-pussess tagħhom; l-aċċettazzjoni tagħhom li fl-assenza tal-attriċi jżommu l-vettura tal-attriċi għandu min-natura tad-depożitu.

Il-liġi tagħmel distinzjoni bejn id-depożitu volontarju u dak neċessarju. Tal-kawża odjerna jaqa' fl-ewwel kategorija. Il-provvedimenti legali tal-Kodiċi Ċivili regolanti d-depożitu rilevanti għall-kawża odjerna huma s-segwenti:-

**Artikolu 1892**

(1) Id-depożitu hekk proprjament imsejjaħ huwa kuntratt gratuwitu, bla ħsara ta' kull ftehim kuntrarju.

---

[26] Enfasi miżjud.

(2) Il-ħwejjeġ mobbli biss jistgħu jkunu l-oġġett ta' dan id-depożitu.

**Artikolu 1893.**

(1) Id-depożitu hu perfett biss bil-kunsinna tal-ħaġa lid-depożitarju.

(2) Il-kunsinna ssir bil-kunsens biss, jekk il-ħaġa tkun ġa f'idejn id-depożitarju taħt titolu ieħor u jiġi miftiehem li għandha tibqa' f'idejh bħala depożitu.

**Artikolu 1895.**

Id-depożitu hu volontarju jew neċessarju.

**Artikolu 1896.**

Id-depożitu volontarju jsir bil-kunsens min-naħa l-waħda ta' dak li jiddepożita u min-naħa l-oħra ta' dak li jirċievi l-ħaġa b'depożitu.

**Artikolu 1899.**

Id-depożitarju għandu, fil-kustodja tal-ħaġa taħt depożitu, jieħu ħsieb daqs kemm jieħu fil-kustodja ta' ħwejġu.

**Artikolu 1900.**

(1) Id-dispożizzjonijiet tal-aħħar artikolu qabel dan għandhom jiġu applikati b'mod aktar sever -

(a) meta d-depożitarju jkun offra ruħu huwa nnifsu biex jieħu f'idejh id-depożitu;

(b) meta jkun ftiehem li għandu jitħallas għall-kustodja tad-depożitu;

(ċ) meta d-depożitu jkun sar biss fl-interess tad-depożitarju;

(d) meta jkun ġie miftiehem espressament li d-depożitarju għandu jwieġeb għal kull xorta ta' negliġenza.

(2) F'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fis-subartikolu(1)(a), (b) u (ċ), igħoddu d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1132(1); u,fil-każ imsemmi fil-paragrafu (d) tal-istess subartikolu, id-depożitarju jwieġeb għal kull negliġenza, tkun kemm tkun żgħira.

**Artikolu 1901**

Id-depożitarju ma jwieġeb qatt għall-aċċidenti li jiġru b'forza maġġuri, ħlief jekk ikun ġie mqiegħed in mora għar-radd tal-ħaġa ddepożitata; lanqas ma jwieġeb, f'dan l-aħħar każ, jekk il-ħaġa kienet tispiċċa xorta waħda li kieku kienet tinsab għand id-depożitant.

**Artikolu 1904.**

(1) Id-depożitarju għandu jrodd dik il-ħaġa stess li jkun irċieva, fl-istat li din tkun tinsab fiż-żmien tar-radd.

(2) It-tgħarriq li jsir fil-ħaġa mingħajr ħtija tad-depożitarju,ibatih id-depożitant.

**Artikolu 1905.**

Id-depożitarju, li mingħandu l-ħaġa ddepożitata tkun ġiet meħuda b'forza maġġuri, u illi jkun irċieva flokha somma ta' flus jew ħaġ'oħra, għandu jrodd dak li jkun irċieva.

Applikati dawn il-provvedimenti legali għall-kawża odjerna jirriżulta illi meta l-attriċi daħlet bil-vettura fil-parkeġġ u ma sabitx fejn tipparkja, kienu l-istess konvenuti li qalulha li jekk riedet setgħat tħalli ċ-ċavetta magħhom u tatihom tlett ewro. Fil-mument li l-attriċi aċċettat, ħallset it-tlett ewro u ipparkjat il-vettura fejn qalilha tipparkja wieħed mill-konvenuti u għaddiet iċ-ċavetta tal-karozza f'idejn il-konvenuti, bejn il-partijiet inħoloq il-kuntratt ta' depożitu regolat bil-provvedimenti legali fosthom dawk fuq ċitati.

Il-konvenuti kienu mhux biss konsapevoli, iżda kienu huma stess li qalu lill-attriċi li nonostante li ma kienx hemm fejn tipparkja f'parking bay, hija xorta setgħat tħalli l-vettura tagħha magħhom basta tħalli ċ-ċavetta u naturalment tħallas għal tali servizz. L-obbligu tal-konvenuti qua *car park attendants* kien li ġialadarba offrew li l-attriċi tħalli magħhom il-vettura tagħha, il-konvenuti assumew l-irwol ta' depożitarju bl-obbligi inerenti għal depożitarju.

Primarjament kellhom id-dover il-konvenuti li jieħdu ħsieb il-vettura tal-attriċi daqs li kieku kienet tagħhom. Hekk tipprovdi l-liġi. Wieħed għalhekk jista' japplika fir-rigward ta' depożitarju id-dmirijiet ta' *bonus pater familias.* Waħda mid-difiżi mressqa mill-konvenuti kienet illi tant kien hemm karrozzi f'lejlet il-Milied illi ma setgġhux jikkontrolloaw is-sitwazzjoni. Kif tajjeb spjega l-ispettur fix-xhieda tiegħu, il-konvenuti dakinhar tal-akkadut tilfu kompletament il-kontroll tal-parkeġġ in kwistjoni. Pero' jirriżulta ampjament illi meta s-sitwazzjoni bdiet issir prekarja fil-parkeġġ minħabba li ma kienx hemm spazju aktar fejn jisgħu jipparkjaw aktar vetturi, il-konvenuti xorta baqgħu jaċċettaw aktar karozzi u joffru lil min imur hemm li jżommulu l-karrozza basta jħallas tlett ewro. Għalkemm mill-provi mressqa ma jirrżultax, jidher illi min ma riedx iħallas tlett ewro ma kienx jitħalla jipparkja hemm u jimplokka vetturi oħra. Li kien lejliet il-Milied ma hux difiża tajba għall-finijiet ta' din il-kawża. Ma jikwalifikax bħala forza maġġuri fit-termini tal-liġi. Ma seħħ xejn li jista' remotament jikwalifika bħala forza maġġuri ai termini tal-Artikolu 1901 tal-Kap. 12. Għall-kuntrarju jirriżulta illi l-konvenuti kienu negliġenti b'mod grossolan meta kienu qed jidderieġu lis-sewwieqa sabiex jipparkjaw il-vetturi fin-nofs tal-parkeġġ u jagħtuwhom iċ-ċwievet, imbagħad l-istess konvenuti kienu qed ipoġġu iċ-ċwievet mogħtija lilhom fuq talba tagħhom stess go kontenitur miftuħ, fuq banketta faċilment aċċessibbli għal kull min jgħaddi minn ħdejha liema kontenitur ma kien bl-ebda mod kustodit. Prattikament kien invit għall-potenzjali ħallelin sabiex jieħdu abbużivament ċavetta ta' vettura minn tali kontenitur u jisirqu l-vettura mingħajr l-ebda problemi. Is-sitwazzjoni tkompli tippronunzja ruħha f'dak li hu negligenza grossolana da parti tal-konvenuti għaliex jidher illi huma u ħerġien il-vetturi ma seta' jsir l-ebda kontroll jekk min ħiereġ bil-vettura kienx effettivament qed jagħmel hekk leġittimament.

Kif tajjeb iddikjarat il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza mogħtija fis-17 ta' Novembru 2017 fl-ismijiet "**Middlesea Insurance plc (C5553) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha Ann Jones (ID Nru 0441100L) et Vs Waldorf Auto Services Co. Limited; et"** (Appell nru 327/2014AE):

"Il-forza maġġuri hi dik il-forza li hu mpossibbli li wieħed jirreżisti għaliha. Il-prova tal-forza maġġuri kellha ssir mill-konvenuti. Kif tajjeb qal it-Tribunal fil-proċeduri fl-ismijiet **A.L.M. Enterprises Limited vs U.C.I.M. Co. Ltd** et bin-numru 536/2014 li għalihom għamel referenza fid-deċiżjoni appellata, il-ġurisprudenza tipprovdi li sabiex tirnexxi d-difiża tal-forza maġġuri f'kawża għad-danni, iridu jikkonkorru kemm l-elementi tal-imprevedibilità kif ukoll l-element ta' nuqqas ta' kontributorjetà. Fi kliem ieħor, l-avveniment irid ukoll ikun irreżistibbli bl-użu tad-debita kura, ossija, bl-eżerċizzju tad-dilġenza ta' bonus pater familias. Il-Qorti tal-Appell qablet ukoll li huwa imprevedibbli għall-liġi dak li ordinarjament ma jiġrix u mhux dak li qatt ma ġara bħalu qabel. Għal dak li jirrigwarda t-tieni element, fis-sentenza **Joe Caruana vs Philip Chircop & Sons Ltd** et tal-24 ta' April, 2015, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet: ".... il-kunċett tal-każ fortuwitu jew forza maġġuri ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, pożittiv jew negattiv, tal-bniedem. Skont il-prinċipju tad-dritt biex ikun hemm il-każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jeħtieġ li jkun inevitabbli, b'mod li ma jistax jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-bonus paterfamilias".

Inoltre ai termini tar-**Regolament 65 (11) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11** suċċitat, il-konvenuti kienu fid-dover li jeżerċitaw kura u diliġenza. Huwa ben saput li diliġenza u kura hija mqabbla ma' dik ta' *bonus pater familias.* Il-konvenuti, qua *car park attendants,* kellhom ikunu prudenti u diliġenti u fid-dmir tagħhom li jipprevjenu kontra l-possibilità ta' serq tal-vettura u mhux prattikament jiffaċilitaw is-serq ta' karrozzi imħollija taħt il-kustodja tagħhom.

Tenut kont li fil-jum tal-akkadut kien lejliet il-Milied u kien hemm ħafna sewwieqa li ma kienux klijenti regolari tal-konvenuti; il-konvenuti ma taw l-ebda spjegazzjoni kif qatt setgħu ikunu jafu illi min ħiereġ isuq vettura 'il barra mill-parkeġġ kien effettivament is-sewwieq li ħalla l-karrozza magħhom qabel. Mhux biss ma taw l-ebda spejgazzjoni talli prattikament jammettu illi bl-aġir tagħhom tilfqu l-kontroll fuq il-parkeġġ.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Emanuel Farrugia et vs. Raymond Micallef** (Rik Ġur Nru 430/08 MH) deċiża fil-25 ta' Jannar 2017 fejn ġie osservat is-segwenti:

"Huwa pacifiku li bhala regola generali s-serq huwa meqjus bhala kaz fortuwitu, izda kif anke konfermat fil-gurisprudenza, meta dan l-*event* seta' gie ragjonevolment evitat bl-uzu ta' diligenza u prudenza ordinarja mill-persuna li kellha l-kustodja tal-oggetti misruqa, allura dik il-persuna ghandha twiegeb ghal ghemilha. Fid-decizzjoni fl-ismijiet **Compunet Limited (C21611) vs. B.A.S. Limited (C444)** [P.A. 30/06/2010 citaz 798/2006RCP] inghad**;**

"Illi ghal kuntrarju *"quando invece si ha la violazione di un dovere, ed una volontaria ommissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione ed ommissione e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene, allora si ha non il caso fortuito, ma la colpa ed il quasi delitto"* **("Publio Azzopardi –vs- Antonio Arcicovich et"** A.K - 14 ta' Novembru 1919; **"Bezzina –vs- Grech et"**, K - 7 ta' Gunju 1938; **Costantino Fenech –vs- Camillo Gatt"** - P.A. - 17 ta' Mejju 1902; **"Micallef noe –vs- Gasan nomine"** K. - 20 ta' Jannar, 1930).

Ukoll illi *"s-serq ghandu jkun ekwiparat ghal kaz fortuwitu u ghalhekk ghandu jsofrieh il-proprjetarju tal-oggett misruq, ammenoche ma jkunx hemm xi htija ta' min kien depozitarju ta' dak l-oggett li titfa' l-htija fuqu ta' dak il-*kaz fortuwitu" **("C. Bianco –vs- Carmelo Ciantar"** -Vol XXXII pI p532; **Giuseppe Lia –vs- Peter Endrich"** -Vol XLI pII p998).

A bazi ta' principji analogi fuq l-obbligi tad-depozitarju, il-Qorti qalet hekk fil-kaz **John Mary Sammut vs Emanuel Fenech deciz fid-29 t'Ottubru 2003** [Cit 1647/99GV]-

*"Id-depozitarju huwa obbligat juza fil-kustodja ta' l-oggetti depozitati ghandu l-istess diligenza li huwa juza fil-kustodja ta' hwejgu - Art. 1899 Kodici Civili. Dan il-principju huwa applikat b'akbar rigur meta d-*depozitu *huwa salarjat milli meta jkun maghmul gratwitament u fuq bazi ta' hbiberija -* Art *1900. Id-depozitarju pero' mhux*

*responsabbli ghall-accidenti li jigru b'forza magguri. Is-serq ta' oggett depozitat jammonta ghal kaz fortuwitu meta d-depozitarju jkun ha l-prekawzjonijiet xierqa biex is-serq ma jsirx. Id-debitur jibqa' dejjem responsabbli ghall-inadempiment ta' l-obbligazzjoni minnu assunta sakemm ma jippruvax li l-inadempiment kien dovut ghal kawza estranea, forza magguri jew kaz fortuwitu; b'mod li hu jibqa' dejjem tenut jekk l-obbligazzjoni ma gietx adempita bi htija tieghu jew ta' terzi persuni mqabbdin minnu - Vol 37 p1 p 197. Jekk id-depozitarju jinvoka l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata, l-prova tal-kaz fortwitu hija mixhuta fuqu - Vol 37 p1 p 440. Skond il-principji tad-dritt,* ***biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabbili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-bonus pater familias*** *- Vol 37 p 2 p 638."*

Deċiżjoni oħra rilevanti għall-kawża odjerna hija dik mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Ġunju 2016 fl-ismijiet **David Brincat et vs. Francis Sammut et** (Rik Ġur Nru 1120/2012 MCH):

"Il-mertu tal-azzjoni hu l-hsara subita mill-atturi, il-kagun ta' tali hsara u l-individwazzjoni tar-responsabilta ghal tali hsara.

Ghas-success ta' azzjoni bhal dik de quo, hemm il-htiega li l-atturi konkretament jistabblixxu u jipprovaw, fil-grad rikjest mill-ligi f'kawzi simili, tlett ingredjenti fundamentali b'mod kumulattiv ossija:
i. fl-ewwel lok, li kien hemm kondotta kolpuza tal-konvenuti li tirradika l-htija ai termini tad-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kodici Civili;
ii. fit-tieni lok, li jaghtu prova tal-hsara minnhom subita u tali prova ghandha tkun materjali u konkreta; u
iii. fit-tielet u l-ahhar lok, li jirnexxielhom jorbtu l-ewwel punt mat-tieni wiehed tramite ness ezjologiku ta' kawzalita, li jfisser li kienet il-kondotta kwazi-delittwuza tal-konvenuti li direttament kkagunat is-sinistru.

Illi huwa pacifikament assodat illi biex Qorti ssib htija u responsabbilita' fil-kondotta ta' ndividwu, u sussegwentement dan jigi kkundannat jindennizza lid-danneggjat fl-ambitu tal-kolpa extra-kontrattwali (senjatament fil-kwazi-delitti fejn hemm mankanti

d-dolo), dak l-aspett li ghandu jigi ezaminat huwa l-kondotta materjali li l-allegat danneggjant assuma. Tali kondotta tista' tkun kemm kommissiva u kemm ommissiva. Hu dan il-komportament li ghandu jigi dettaljatament valutat, sabiex fih jigu ritraccjati, inter alia, jekk kienx hemm xi mankanzi fid-dover ta' hsieb, prudenza u diligenza ta' bonus paterfamilias, jew ezistenza ta' negligenza fid-doveri imposti mill-ligi, jew ta' traskuragni, sfrontatezza jew imprudenza li tikkostitwixxi att jew fatt illecitu rizarcibbli.

Illi hi disposizzjoni esplicita tal-Kodici Civili li f'materja ta' danni akwiljani "kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu" (artikolu 1031). L-istess Kodici jissokta jippreciza illi l-htija tissussisti f'min "ma juzax il-prudenza, diligenza u l-hsieb ta' missier tajjeb tal-familja" (artikolu 1032(1)). Addizjonalment hu maghruf, sija fid-duttrina u sija fil-gurisprudenza patria, li biex ikun hemm lok ghad-danni hu mprexxindibilment mehtieg li, apparti l-prova tad-dannu arrekat, fl-ewwel lok jkun hemm htija u li d-dannu u l-htija jkunu interkonessi intimament b'ness kawzattiv. Issir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Charles Gauci et vs. Maria Borg Mizzi et noe** (PA 25/11/2004) fejn nsibu li, "Fil-kaz fejn persuna tallega li tkun garrbet hsara minhabba l-ghemil jew I-omissjoni tal-parti l-ohra, jehtieg li min jallega Ii garrab dannu jehtieg jipprova kemm l-att jew l-omissjoni tal-persuna mixlija bir-responsabbilta ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni, u kif ukoll Ii d-danni mgarrba huma l-effett konsekwenzjali ta' dak l-ghemil jew ta' dik l-omissjoni".

Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali kollha riferuti għall-każ odjern, il-Qorti tirriskontra nuqqas kbir ta' diliġenza u prudenza bħala *bonus pater familias* da parti tal-konvenuti. Kienu l-konvenuti stess li ammettew li hija n-norma li jaċċettaw vetturi biċ-ċavetta, kienu huma wkoll li ammettew li dak in-nhar tal-akkadut u ċioe lejliet il-Milied, ix-xogħol kien bieżel aktar mis-soltu u kienu qed jaċċettaw ammont kbir ta' vetturi tant li tilfu l-kontroll tal-parkeġġ tagħhom. Dan il-fatt joħroġ kemm mill-istqarrija surreferita ta' Emanuel Bugeja kif ukoll mill-istqarrija ta Andrea Farrugia:

*Emanuel Bugeja*
M. Mela qed ngħid sew meta ngħidlek li kemm inti u kemm Andrea kontu traskurati meta tgħabbejtu b'ħafna karozzi fil-car park bir-riżultat li tliftu l-kontroll tal-car park u b'hekk ġara li ġara?

T. Dik iva jista' jkun imma l-iktar f'lejliet il-Milied tgħabbejna.

M. Mela minkejja li taf li hi xi ħaġa diffiċli li żżomm kontroll ta' x'jiġri fil-car park, xorta taċċetta vetturi miftuħa biċ-ċwievet fihom. Qed ngħid sew?

T. Mhux se ngħidlek le.[27]

*Andrea Farrugia*

M. Kif tispjega l-fatt li nsterqu dawn it-3 vetturi meta int u Leli Bugeja suppost qed tieħdu ħsieb li ma jiġri xejn fil-car park?

T. Ġejna aljenati fir-rush tax-xogħol u fl-aħħar każ ta' lejliet il-Milied billi tkun ġurnata busy ħafna kien hemm seba' karozzi ta' l-istess tip Vitz silver. Ġejna aljenati u ħadhomna.

[...]

M. Mela qed ngħid sew meta ngħidlek li kemm inti u kemm Leli Bugeja kontu traskurati meta tgħabbejtu b'ħafna karozzi fil-car park bir-riżultat li tliftu l-kontroll tal-car park u b'hekk ġara li ġara?

T. li konna traskurati le imma li bl-ammont ta' nies li jkunu jaqsmu minn ġol-car park u jduru mal-car park jista' jkun li aljenawna wara li għassewna.

M. Mela minkejja li taf li hi xi ħaġa diffiċli li żżomm kontroll t x'jirġi fil-car park u xorta taċċetta vetturi miftuħa biċ-ċwievet fihom?

T. Irrid ngħid illi issa qed nippruvaw nagħmlu minn kollox biex il-karozzi nsakkruhom.

Fil-fehma tal-Qorti dan jammonta għal nuqqas da parti tal-konvenuti li ma ħadux ħsieb tal-vettura li bil-kunsens tagħhom ġiet depożitata għandhom u li għal dak id-depożitu anke sar ħlas. Dak li għamlu jew li naqsu li jagħmlu l-konvenuti jammonta għal traskuraġni u negliġenza grossolana bi ksur tad-doveri ta' depożitarju. Il-fatt li kien lejliet il-Milied mhux talli mhux skużanti, talli fil-fehma tal-Qorti f'dawk iċ-ċirkostanzi kellhom joqgħodu ħafna aktar attenti mis-soltu. Minflok sar bil-maqlub għaliex bin-nuqqasijiet tagħhom ippermettew li l-vettura tal-attriċi tinsteraq filwaqt li kienet depożitata mal-konvenuti.

[27] Paġni 65 – 66 tal-proċess.

Jirriżulta illi din is-serqa ma kinitx l-ewwel waħda li seħħet f'dan il-parkeġġ, u għalhekk kien jinkombi fuq il-konvenuti li hekk malli seħħet l-ewwel serqa f'Ġunju 2012 huma kellhom jieħdu l-passi kollha neċessarji dak iż-żmien sabiex jiġu evitati s-serqiet sussegwenti li saru minn dan il-parkeġġ. Minn dak li qal Andrea Farrugia fl-istqarrija suċċitata, jidher li kien biss wara l-akkadut ta' Diċembru 2012 li l-konvenuti bdew jagħmlu xi ħaġa sabiex isakkru l-vetturi kollha. Kif ġie ritenut fis-sentenza fuq ċitata **Emanuel Farrugia et vs. Raymond Micallef**, meta l-akkadut setgħa ġiet raġonevolment evitat bl-użu ta' diliġenza u prudenza ordinarja mill-persuni li kellhom l-kustodja tal-oġġetti misruqa, allura dik il-persuna għandha twieġeb għal għemilha.

Il-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom jagħmlu referenza għar-Regolament 68 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 65.11 li tipprovdi li:

> Min ikun isuq vettura għandu joqgħod bil-qiegħda b'mod li jkollu kontroll sħiħ tal-vettura, u vista sħiħa tat-triq u l-vetturi. Huwa ma għandux iħalli l-vettura weħidha bla ma jieħu prekawzjoni xierqa biex ma tiġix imċaqalqa sakemm idum nieqes jew iħalli l-vettura wieqfa fi triq jew li tkun immaniġġata b'mod li tkun ta' xkiel bla bżonn jew ta' xi inkonvenjent għall-pubbliku.

Saret referenza mill-konvenuti għal dan ir-regolament in vista tal-fatt li l-istess regolament jipprovdi li l-vettura m'għandhiex titħalla weħidha. Fil-fehma tal-Qorti il-fatt li l-attriċi ħalliet il-vettura ma' car park attendants liċenzjati wara li huma stess offrew lill-attriċi sabiex tħalli l-vettura magħhom b'dak il-mod, ifisser li l-attriċi ma tistax titqies li ħalliet il-vettura waħedha bla ma ħadet prekawzjoni xierqa sabiex il-vettura ma tiċċaqlaqx. Il-konvenuti l-ewwel talbu u mbagħad aċċettaw li jitħallsu sabiex jissorveljaw il-vettura tal-attriċi fl-assenza tagħha Kien jispetta lill-konvenuti li, ladarba daħlu għalih is-servizz ta' depożitarju, jaġixxu b'diliġenza u kawzjoni u jiżguraw li ġaladarba ħa joffru s-servizz ta' parkjar bil-fakultà li titħalla ċ-ċavetta magħhom,ikunu kapaċi joffru dan is-servizz u b'serħan tal-moħħ għal dak li qiegħed jagħmel użu minn dak is-servizz. Bin-nuqqas tagħhom li jaġixxu bħala bonus pater familias fil-qadi tad-doveri tagħhom qua depożitarji, il-konvenuti ġew responsabbli għad-danni konsegwenzjali subiti mill-attriċi.

Ikkunsidrat;

**Danni**.

Hekk determinat li l-konvenuti huma responsabbli għal dan l-akkadut għaliex ma aġixxewx b'diliġenza u kura, imiss issa li jiġi determinat il-quantum tad-dannu. L-attriċi fir-rikors promotur għamlet referenza fil-premessi għas-somma ta' tmient elef ewro (€8,000) iżda fit-talbiet attriċi ma talbitx il-kundanna ta' somma fissa iżda talbet il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni hekk likwidati.

Waqt is-seduta tal-4 ta' Mejju 2015, l-attriċi ppreżentat fattura datata 23 ta' Frar 2015 mingħajr isem tal-garaxx minn għand minn xtrat il-vettura għas-somma ta' sebat elef u sitt mija (€7,600). Fit-13 ta' Marzu 2017, l-attriċi ppreżentat stima oħra datata 29 t'Ottubru 2013 fejn jingħad li l-vettura nxtrat għas-somma ta' sebat elef u ħames mija (€7,500) iffirmata minn xi ħadd Cassar. L-attriċi tgħid li dawn iż-żewġ fatturi ħarġu mill-istess persuna li jaħdem ġewwa Paola Car Centre.

Il-konvenuti min-naħa tagħhom ippreżentaw żewġ stimi – waħda minn għand Regina Auto Dealer Ltd datata 4 ta' Ġunju 2015 fejn il-vettura ġiet stmata elfejn u disgħa mija (€2,900) u oħra minn għand Montebello Group mhux datata għal prezz ta' tlett elef Ewro (€3,000).

In vista ta' dawn id-diversi valuri mogħtija, inħasset il-ħtieġa li jinħatar perit ġudizzjarju bħala espert fil-valutazzjoni tal-vetturi, **Natalino Agius.** Mir-rapport peritali tiegħu jirriżulta li fil-ġurnata li ġie redatt ir-rapport (ċioe f'Settembru / Ottubru 2018) il-vettura kienet ġġib il-prezz ta' tlett elef u mitejn (€3,200) u jikkonkludi li dak iż-żmien li seħħet is-serqa l-valur kien ta' madwar ħamest elef (€5,000). Dan ir-rapport ma ġiex ikkontestat u għalhekk il-Qorti sejra toqgħod fuq din l-istima.

L-attriċi talbet ukoll is-somma ta' seba' mitt Ewro (€700) bħala l-valur ta' l-oġġetti li kellha fil-vettura fil-ħin tas-serqa. L-attriċi xhedet illi fil-vettura kellha żewġ nuċċalijiet, wieħed tal-vista u ieħor tax-xems li jiswew €200; camera tar-ritratti Olympus li tiswa €200; u rigali b'kemm jiswew €300, b'kollox €700.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi illi mal-ammont ta' €5,000 valur tal-vettura għandu jiżdied il-valur tal-oġġett li kienu fil-vettura tal-attriċi fil-mument li nsterqet mill-parkegg.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha sollevati mill-konvenuti;

2. Tilqa' l-ewwel talba attriċi u tiddikjara lill-konvenuti unikament responsabbli għat-telf subit mill-attriċi fl-24 ta' Diċembru 2012 bis-serq tal-vettura tagħha numru NIC 449 Toyota Vitz mill-parkegg li jinsab fi Triq ix-Xatt, tas-Sliema kif ukoll l-oġġetti li kien hemm fiha u dan għar-raġunijiet fuq imsemmija;

3. Tilqa' t-tieni talba u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attriċi fis-somma ta' ħamest elef u seba' mitt ewro (€5,700);

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma hekk likwidata ta' ħamest elef u seba' mitt ewro (€5,700).

L-ispejjeż a karigu tal-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

Moqrija.

**Onor. Robert G. Mangion**

**Imħallef**

31 ta' Ottubru 2019

**Lydia Ellul**

**Deputat Reġistratur**

31 ta' Ottubru 2019